# KALENDARJU TAL-ATTIVITAJIET ĠDID U MLEWWEN

# MINN HERITAGE MALTA

**Stqarrija| 20 ta' Frar 2024**

Għal sena oħra, Heritage Malta qed issejjaħ lill-entużjasti tal-istorja u wirt pajjiżna biex jippreparaw ruħhom għal vjaġġ imlewwen fil-qalba ta' dak li jagħmilna min aħna, billi jingħaqdu fl-attivitajiet imħabbra fil-kalendarju l-ġdid li għadha kemm nediet.

Imżewwaq b'aktar minn 100 attività, il-kalendarju hu mfassal biex jagħti pjaċir kemm lill-pubbliku ġenerali kif ukoll lill-persuni b'gosti kemxejn aktar partikolari, u jaħseb f'kull età. L-attivitajiet joffru għażla sħiħa ta' esperjenzi – minn sessjonijiet ta' tisjir, avventuri kurjużi u korsijiet fuq ħlejjaq tan-natura għall-aktar ċkejknin fostna, għal ftuħ speċjali ta' siti normalment magħluqa, attivitajiet marbuta ma' tradizzjonijiet qodma, dawriet fuq il-baħar, taħditiet minn kuraturi u eks ħaddiema tat-Tarzna, mixjiet iggwidati, wirjiet uniċi, esperjenzi fl-ekwinozju u s-solstizju, u attivitajiet esklużivi għall-membri, fost ħafna aktar.

Din is-sena l-kalendarju huwa mogħni wkoll b'attivitaijiet organizzati bħala parti mill-programm tal-maltabiennale.art, li se jittella' bejn it-13 ta' Marzu u l-31 ta' Mejju li ġej. Organizzat minn MUŻA – il-Mużew Nazzjonali tal-Arti, f'isem Heritage Malta u l-Kunsill Malti għall-Arti, b'koperazzjoni mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ u l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, il-maltabiennale.art huwa l-ewwel inizjattiva tax-xorta tagħha f'pajjiżna. Aktar tagħrif dwaru jista' jinkiseb hawnhekk: https://maltabiennale.art/

Noel Zammit, il-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta, ikkummenta li huwa d-dmir ta' Heritage Malta li mhux biss tħares il-wirt għani ta' pajjiżna fdat f'idejha, iżda wkoll li twasslu b'mod aċċessibbli u attraenti lill-pubbliku biex jiġi apprezzat u gawdut. Huwa sostna li dan il-kalendarju ta' attivitajiet huwa simbolu fiżiku ta' din il-missjoni, u ħeġġeġ lill-pubbliku Malti u Għadwxi biex jikkonkorri u jieħu vantaġġ mill-iskemi tal-Passaporti ta' Heritage Malta.

Tista' taċċessa l-kalendarju ta' attivitajiet ta' Heritage Malta hawnhekk: https://issuu.com/heritagemt/docs/hm_events_calendar_2024 jew billi tasal wasla sal-mużewijiet u s-siti prinċipali ta' Heritage Malta fejn se tkun tista' takkwista kopja fiżika fil-ġimgħat li ġejjin.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta